27 ta' Ġunju, 1949.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir G. Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *President.*

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.

L-Onor. Dr. L.A. Camilleri, LL.D.

Neg. Giovanni Dacoutros *versus* Eustratius Petrococchino, O.B.E., ne.

**Appell — Nullità — Gvern — Rappreżentanza Ġudizzjarja — Interess — Art. 235 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.**

*Il-fatt li diversi persuni jagħmlu appell b'petizzjoni waħda in rappreżentanza tal-Gvern ma jfissirx neċessarjament illi dawk il-persuni kollha kollettivament jirrappreżentaw lill-Gvern billi huma użaw fil-petizzjoni tagħhom il-kliem "kollha bħala rappreżentanti tal-Gvern", u mhux il-kliem "kollha flimkien"; imma jfisser illi kull wieħed minnhom jippretendi li huwa għandu dik ir-rappreżentanza, u mhux illi dik ir-rappreżentanza qiegħda fihom ilkoll kollettivament. Għalhekk l-appell magħmul hekk, b'petizzjoni komuni, mhux null, u dik il-petizzjoni ma tistax tiġi attakkata bħala nulla billi fl-ebda liġi ta' Malta ma teżisti xi kollettività ta' awtoritajiet bħala dik li għandha dik ir-rappreżentanza.*

*Il-Gvern għandu interess jappella minn sentenza mogħtija f'kawża fejn huwa jidhirlu illi l-konvenut, li kien imħarrek fiha bħala rappreżentant tal-Gvern, ma kellux dik ir-rappreżentanza; u għalhekk għandu dritt jappella avvolja f'dik il-kawża ma kellux parti, u avvolja dik is-sentenza hija għalih "res inter alios acta".*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur quddiem il-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremetta illi l-konvenut impjega l-motoveljer "Maria Dacoutros" għat-trasport ta' nbid u merkanzija oħra minn Sqallija, bil-kondizzjonijiet, fost oħrajn, illi n-nol kellu jkun ta' 5s. 6d. kull ettolitru ta' nbid nett għall-vjaġġ Malta-Sqallija u lura, u illi l-kariku u diskariku kellu jiġi kompletat fi żmien ħmistax-il ġurnata, u li wara li jgħaddu 15-il ġurnata kellu jitħallas kumpens korrispondenti għad-deċima parti ta' nol kuljum; u illi fl-okkażjoni tat-tlieta u erbgħin (43) vjaġġ, li beda fis-17 ta' Ottubru 1945, għalkemm il-bastiment kien lest biex jirċievi l-kariku Sirakuża fid-19 ta' Ottubru 1945, dan dam żmien sakemm tgħabba non ostanti l-protesti tiegħu, u konsegwente-

ment il-vjaġġ, kompriż kariku u diskariku, minflok 18-il ġurnata dam 134 ġurnata; u illi l-vjaġġ numru erbgħa tal-motoveljer "Anton Dacoutros", ukoll impjegat mal-Gvern taħt l-istess kondizzjonijiet bħal motoveljer "Maria Dacoutros", u f'dak numru ħamsa, kien hemm fil-kariku dewmien, għarraġunijiet imputabili lill-konvenut, ta' 18-il ġurnata u 15-il ġurnata rispettivament; u talab li, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, il-konvenut jiġu kundannat iħallas dak il-kumpens li jiġi likwidat għad-dewmien li ġara fl-imsemmijin vjaġġi għall-kawżi imputabili lill-konvenut; u billi fil-vjaġġ numru ħamsa fuq imsemmi tal-motoveljer "Anton Dacoutros" il-konvenut għabba biss 1200 ettolitru nbid illi ħallas in-nol relativ tagħhom, mentri l-kapaċità tal-bastiment hija ċirka 1500 ettolitru, u l-konvenut irrifjuta inġustament li jħallas in-nol kalkulat fuq id-defiċjenza ta' ċirka 300 ettolitru, illi jilħaq £82. 10. 0, il-konvenut jiġi kundannat iħallas l-imsemmija somma ta' £82. 10. 0, jew somma verjuri, għad-defiċjenza tal-kariku fl-imsemmi vjaġġ. Bl-imgħaxijiet legali u bl-ispejjeż;

Il-konvenut baqa' kontumaċi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu r-Re tat-3 ta' Ġunju 1948, fejn laqgħet it-talbiet u għall-finijiet ta' l-ewwel talba ikkundannat lill-konvenut iħallas £8524. 1. 4, bl-imgħax u bl-ispejjeż kollha tal-kawża; wara li kkunsidrat;

Illi bix-xhieda ta' l-attur u bid-dokumenti eżibiti t-talbiet ġew ġustifikati, u rriżulta li, kif issottometta l-attur fin-nota tiegħu fil-fol. 13, id-danni provenjenti mid-"demurrage" jilħqu £8524. 1. 4, korrispondenti għal 116-il ġurnata bis-£37. 9. 8 kuljum;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-Onorevoli Dr. Paul Boffa, O.B.E., bħala Prim Ministru, Onor. Dr. Arthur Colombo, bħala Ministru tal-Finanzi, Onor. Bertram Camilleri bħala Ministru ta' l-Industrja u l-Kummerċ, Onor. Edgar Cuschieri, O.B.E., bħala Teżorier tal-Gvern u Direttur tal-Kuntratti, kollha in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta, u l-petizzjoni

tagħhom fejn talbu r-revoka ta' dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tiegħu fit-3 ta' Ġunju 1948, billi jiġi deċiż għar-riġett tat-talbiet ta' l-attur, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell tal-konvenut Eustratius Petrocochino, C.B.E., u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata. u għalhekk it-talbiet ta' l-attur ikunu riġettati, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-appellat eċċepixxa n-nullità ta' l-appell magħmul mill-Onor. Dr. Paul Boffa nomine, Onor. Dr. Arthur Colombo nomine, Onor. Bertram Camilleri nomine, u Onor. Edgar Cuschieri nomine, fuq żewġ motivi :— (1) Illi huma appellaw bħala rappreżentanti tal-Gvern kollettivament, mentri l-Gvern huwa rappreżentat minn awtorità waħda u mhux kollettivament; (2) illi l-appellanti fuq imsemmija mhumiex it-"terza persuna interessata" illi skond il-liġi tista' tagħmel appell;

Fuq l-ewwel pont, l-attur appellat qiegħed jassumi illi dawk l-appellanti, peress li għamlu petizzjoni waħda, huma kollettivament u mhux individwalment jippretendu li jirrappreżentaw il-Gvern, mentri din il-kollettività ta' awtoritajiet ma teżistix fl-ebda liġi ta' Malta bħala dik li għandha fil-ġudizzji r-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta. Dan il-motiv, però, huwa mingħajr bażi; għaliex huwa intuwitiv illi dawk l-appellanti indikaw, kull wieħed minnhom, f'liema kwalità qegħdin jaġixxu. u kull wieħed minnhom, indipendentement mill-oħrajn, jippretendi li qiegħda fih ir-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta f'din il-kawża; il-Prim Ministru għaliex huwa kap ta' l-amministrazzjoni kollha tal-Gvern ta' Malta; il-Ministru tal-Finanzi bħala kap tad-dikasteru li huwa prinċipalment interessat f'din il-kawża peress li hemm involut ħlas ta' somma ta' flus; it-Teżorier tal-Gvern bħala kap tat-Teżor; u l-Ministru ta' l-Industrja u tal-Kummerċ peress illi din hija kwistjoni pertinenti għall-kummerċ u li minnu kien jiddependi l-konvenut nomine. Għalhekk huma għamlu dan l-appell, mhux għaliex għandhom jew kellhom l-ebda idea illi

*huma bħala kollettività għandhom dik ir-rappreżentanza*, imma għaliex kull wieħed, għar-raġunijiet tiegħu partikulari, jippretendi li għandu r-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta f'din il-kawża. Għalhekk kull wieħed aġixxa indipendentement mill-oħrajn, għalkemm dan, għar-raġunijiet wisq evidenti, sar b'petizzjoni waħda. Dan sar preċiżament biex fit-trattazzjoni tal-kwistjoni "għand min hi r-rappreżentanza tal-Gvern f'din il-kawża", jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi wieħed jew iżjed minn dawk li appellaw ma għandux dik *ir-rappreżentanza, tibqa' l-persuna illi fiha l-Qorti tkun tista'* tiddikjara li hemm dik ir-rappreżentanza, u ma tiġix l-evenjenza illi dik il-persuna ma tkunx appellat;

L-attur appellat fil-petizzjoni ra din is-sitwazzjoni illi kull wieħed appella individwalment, għax qal illi "għalhekk ma hemmx lok għall-appell da parti tal-grupp ta' personalitajiet, illi ħadd minnhom donnu ma jaf min jirrappreżenta l-Gvern ta' Malta............" B'dawk il-kliem jidher ċar illi l-appellanti. kif almenu jgħid l-attur, iddubitaw min minnhom *jirrappreżenta l-Gvern, u għalhekk appellaw kollha; però* kieku ppretendew illi r-rappreżentanza qiegħda fil-kollettività, dawk il-kliem ma kienx ikollhom sens;

Imbagħad l-attur għamel enfasi għall-kelma li tidher finnota ta' l-appell u fil-petizzjoni, wara l-ismijiet ta' l-appellanti, "kollha in rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta", u jrid jiġbed il-konsegwenza illi huma stess iddikjaraw illi flimkien għandhom dik ir-rappreżentanza; imma l-kelma "kollha" biss ma tissinifikax dak li jippretendi l-attur; tista' tissinifika *illi kull wieħed minnhom għandu dik ir-rappreżentanza, u* għalhekk kollha, mhux neċessarjament kollettivament, imma anki individwalment, għandhom dik ir-rappreżentanza. Diversament, kieku riedu jesprimu l-idea l-oħra, kienu jgħidu "kollha flimkien li jirrappreżentaw il-Gvern ta' Malta", ħaġa li ma tidherx fl-iskrittura, u li ma tistax tiġi bl-ebda mod dedotta;

Għalhekk dan il-motiv huwa mingħajr bażi;

Tikkunsidra;

*Illi fuq it-tieni motiv — nuqqas ta' interess peress illi* dawk l-appellanti mhumiex persuni terzi skond il-liġi — l-at-

tur appellat issottometta illi l-Gvern ta' Malta huwa rappreżentat mill-konvenut. L-appellanti però jirrispondu illi l-konvenut ma jirrappreżentax lill-Gvern ta' Malta; almenu din hija l-eċċezzjoni tagħhom; u għalhekk il-Gvern ta' Malta ma kellux leġittimu rappreżentant. Intant il-konvenut, għal raġuni jew oħra, baqa' kontumaċi fl-ewwel istanza; seta' ma appellax; jista', għalkemm appella, iċiedi dak l-appell fi kwalunkwe mument; u intant hemm sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fejn jingħad illi l-konvenut, bħala rappreżentant tal-Gvern ta' Malta, ġie kundannat iħallas lill-attur somma ta' flus. L-attur issottometta illi jekk il-konvenut qiegħed jirrappreżenta tajjeb il-Gvern ta' Malta, kif huwa jippretendi, allura l-Gvern ta' Malta ma jistax jerġa' jappella u jiġi 'l quddiem, għaliex tkun l-istess persuna ġuridika, Gvern ta' Malta, illi qiegħda fil-kawża bħala leġittimu kontradittur, ċjoè konvenut appellant; u bħala appellant indipendenti mill-konvenut jekk il-konvenut ma jirrappreżentax il-Gvern ta' Malta, allura dan ma għandu l-ebda preġudizzju, għax dik issentenza, anki jekk il-konvenut jirrinunzja għall-appell, ma jkollha l-ebda forza kontra l-Gvern ta' Malta illi ma jkunx leġittimament rappreżentat f'dik il-kawża;

Għalkemm dawn is-sottomissjonijiet huma inġenjużi, imma għandu jiġi stabbilit illi l-appellanti preċiżament appellaw taħt il-presuppost illi l-konvenut ma jirrappreżentax il-Gvern ta' Malta; u dan huma ssottomettewh fil-petizzjoni tagħhom; u għalhekk hija kollha kwistjoni li hija sottomessa lill-Qorti u li għandha tiġi deċiża, ċjoè l-konvenut għandux jew le dik ir-rappreżentanza. Għalhekk, fil-każ ta' l-ewwel ipotesi għandhom interess li jappellaw;

Fil-każ tat-tieni ipotesi għandhom ukoll dak l-interess; għaliex la darba huma ġew jafu b'dik is-sentenza fit-termini ta' l-appell, u la darba huma jidhrilhom illi dik is-sentenza ġiet mogħtija mhux di fronti għal leġittimu rappreżentant, il-Gvern ta' Malta, dan loġikament ma għandux jiddiskonoxxi dan l-istat ta' affarijiet, jinjora dik is-sentenza, biex ġurnata jista' jiġi konfrontat b'ġudikat li sar in kontestazzjoni biss tal-konvenut. L-attur igħid illi anki allura huwa jkun jista' jiddiskonoxxi dak il-ġudikat, għax ikun "res inter alios acta";

mma meta dak il-ġudikat jiġi eżegwit mill-attur kontra l-Gvern ta' Malta, dan ma jkunx jista', almenu temporaneament, jiddiskonoxxi dak il-ġudikat, u jkun almenu obligat jgħaddi għad-depożitu tas-somma ta' flus li toħroġ minn dik is-sentenza biex imbagħad huwa jagħmel l-azzjoni neċessarja biex iwaqqa' dak il-ġudikat bħala "res inter alios acta";

Huwa intuwitiv illi la darba r-rappreżentat, fi żmien utili, huwa fi stat li jimpedixxi dik il-proċedura serotina u perikolużа, u jagħmel dak li għandu jagħmel per mezz ta' appell regolari, għandu l-interess kollu li jagħmel dak l-appell. Infatti din il-Qorti, in re "Stepton vs. Spiteri", fit-23 ta' Novembru 1898 (Kollez. Vol. XVI — I — 117), irriteniet illi "l'istituto, infatti, dell'intervento in causa, sia volontario che coattio, è basato sulla speditezza e semplicità dei giudizi, essendo giustamente ritenuto molto utile il decidere la quistione in presenza di quelli che vi hanno interesse, sviluppandosi meglio, in tal modo, le rispettive ragioni dei contendenti, ed evitando così molteplicità di giudizi inutili e spese considerevoli ai medesimi............ E' stato ritenuto che nel linguaggio della Procedura, è terzo una persona materialmente estranea al giudizio fra altri pendenti; e se viene chiaramente dimostrato che questo terzo ha un interesse qualunque, purchè sostanziale, sia personale che reale, e non derivativo, nell'esito del giudizio che si agita fra altri, egli ha il diritto di intervenirvi e può essere chiamato a prendere parte". U l-istess attur fir-risposta tiegħu ammetta illi min għandu dak l-interess li jista' jiġi mseјjaħ fil-kawża, jista' jappella; u huwa evidenti illi f'dan il-każ il-Gvern ta' Malta kellu dak l-interess, meta huwa jidhirlu illi mhux rappreżentat tajjeb mill-konvenut, biex almenu, kif irriteniet din il-Qorti f'dik is-sentenza fuq ċitata, jevita l-molteplicità ta' ġudizzji, bi spejjeż konsiderevoli għall-partijiet, u biex jevita illi dik is-sentenza tkun tista', tajjeb jew ħażin, tiġi eżegwita kontra tiegħu, u mbagħad huwa jkun kostrett jagħmel kawża biex iwaqqa' dak il-ġudikat meta kien fil-pożizzjoni, kif inhu l-lum, li jista' jimpedixxi illi dik is-sentenza tgħaddi f'ġudikat;

Tikkunsidra;

Illi l-appella' qiegħed iġib 'il quddiem l-artikolu 235 tal-

Kodići tal-Proċedura Ċivili, li jgħid illi s-sentenza ma tista' tkun qatt ta' preġudizzju għal min, la personalment u lanqas per mezz ta' l-awturi tiegħu, jew tal-leġittimu rappreżentant tiegħu, ma kien parti f'dik il-kawża. Dan huwa kollu veru, u l-Qorti, f'kawża illi l-Gvern ta' Malta kien ikollu bilfors jagħmel fil-futur biex jiġi dik,arat illi dik is-sentenza ma tistax tiġi ta' preġudizzju għalih, ikollha tapplika dak l-artikolu jekk il-konvenut mhux il-leġittimu rappreżentant tal-Gvern, kieku ma sarx dan l-appell; imma l-Gvern ta' Malta ma jkunx jista' "marte proprio", ikeċċi 'l barra l-marixxall u jiddiskonoxxi "ut sic" l-awtorità ta' dik is-sentenza sakemm ma tiġix impunjata regolarment u jkun hemm pronunzjament fuqha ta' l-Awtorità Ġudizzjarja in konfront, anzi ad istanza tal-Gvern ta' Malta. U jkun ripetut, biex ikunu evitati dawn il-moltiplicità ta' ġudizzji u ta' spejjeż, illi l-Gvern ta' Malta bħala terz għandu dritt jagħmel dan l-appell;

Tikkunsidra;

Illi l-artikolu 814 (c) tal-Kodići tal-Proċedura Ċivili jgħid illi jkun hemm lok għar-ritrattazzjoni jekk waħda millpartijiet ma tkunx persuna leġittima, kemm-il darba ma tkunx ġiet mogħtija u deċiża l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità; għalhekk, jekk il-konvenut jagħti dik l-eċċezzjoni, u din tiġi deċiża fis-sens illi l-Gvern ta' Malta huwa leġittimament rappreżentat, allura l-Gvern ta' Malta ma jkunx jista' fil-futur jagħti dik l-eċċezzjoni, jew jagħmel ritrattazzjoni; imma peress li l-appellanti jsostnu, tajjeb jew ħażin, illi l-konvenut ma għandux dik ir-rappreżentanza, allura huma għandhom interess ikunu preżenti, anki per mezz ta' appell, biex jiddimostraw illi l-Gvern ta' Malta mhux leġittimament rappreżentat, u ma jħallux dik il-kontestazzjoni unikament f'idejn il-konvenut;

Tikkunsidra;

Illi fl-aħħarnett l-attur issottometta illi t-talba fil-petizzjoni hija għar-revoka tas-sentenza, billi jiġi deċiż għar-riġett tat-talbiet ta' l-attur, u ma talbux il-liberatorja "ab observantia judicii". L-appellanti ġiebu 'l quddiem l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna tal-konvenut. u mbagħad, tajjeb jew ħażin, għax dak il-meritu jibqa' impreġudikat, daħlu fil-

kwistjoni tal-meritu; u allura bilfors Ꝁeilhom jitolbu r-revoka ta' dik is-sentenza u r-rigett tat-talbiet. F'dan il-każ, jekk il-Qorti tasal għall-konklużjoni illi l-konvenut kien persuna illeġittima, allura t-talba għal-liberazzjoni "ab observantia" hija impliċita;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni tan-nullità ta' l-appell magħmul mill-Onorabbli Dr. Boffa nomine, Onorabbli Dr. Colombo nomine, Onorabbli Camilleri nomine, u Onorabbli Cuschieri nomine, għaż-żewġ kawżalijiet fuq sottomessi mill-appellat; bl-ispejjeż ta' dan l-inċident kontra l-attur appellat.

---